MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 173/2011

**John Cauchi (K.I. 302253M)**

**Vs**

**Mario Abela (K.I. 631861M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur eccepixxa illi rrenda servizzi ta’ xoghol manwali lill-konvenut jew fuq ordni ta’ l-istess konvenut, liema servizzi kienu jammontaw ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsin ewro (€450);

Peress li l-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas dan l-ammont flimkien ma’ l-ispejjez legali relatati ma’ ittri legali u interpellatorji (Dok JC1) li kumplessivament jammontaw ghas-somma ta’ erba’ mija u disghin ewro (€490) izda baqa’ inadempjenti, u dan anke permezz ta’ ittra ufficjali *ai termini* ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok JC2); ghalhekk il-konvenut Mario Abela qieghed jintalab ihallas lill-attur is-somma ta’

erba’ mija u disghin ewro (€490) rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi lilu jew fuq ordni tieghu, liema somma tinkludi wkoll is-somma ta’ erbghin ewro (€40) spejjez legali relatati ma’ ittri interpellatorji bonarji;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi ma’ l-ittra ufficjali *ai termini* ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok JC2) datata 5 ta’ Novembru, 2010 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecceppixxa li:-

Fl-ewwel lok l-esponent mhux il-legittimu kuntradittur, stante illi x-xogholijiet saru fuq ordni tas-socjeta’ FTW Limited;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda ammont li huwa dovut.

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda ta’ John Cauchi.

Ra is-sentenza tat-8 ta’ April, 2013 fejn it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni ta’ natura prelimnari u ordna li s-smigh tas-sentenza jitkompla;

Ra il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar, 2014 fejn it-Tribunal ghalaq il-provi tal-konvenut u ghadda ghas-sentenza fuq il-mertu.

**Ikkunsidra:**

Illi John Cauchi kien gie nkarigat minn Mario Abela biex jaghmel xoghol manwali *ossia* li jgeddes ir-ramel fil-bajja ta’ Perch Beach li hi bajja quddiem id-Dolmen Hotel fil-Qawra. Kienu ftehmu kollox permezz ta’ telefonata. Il-ftehim kien illi tax-xoghol il-konvenut kellu jhallas lill-attur hamsin ewro (€50) ghal kull jum ta’ xoghol.

John Cauchi ddikjara illi l-konvenut kien jiehu dan ix-xoghol mill-Gvern ghaliex kellu l-ingenji ghal dan l-iskop. Kienu saru hlasijiet fuq ix-xoghol li ghamel u dan permezz ta’ cekk darba fix-xahar pero’ ma thallasx ghal-bilanc.

Ra li minkejja l-eccezzjoni sollevata li t-talbiet kif dedotti huma ‘nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda ammont dovut. Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissostanza d-difiza tieghu.

Illi sal-gurnata tal-ahhar seduta wkoll l-attur baqa’ ma thallasx u ghalhekk l-ammont ghadu dovut. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss li ghandu joqghod fuq dak li ntqal bil-gurament mill-attur u cioe’ illi hu gie nkarigat mill-konvenut biex jaghmel dawn ix-xoghlijiet, u li x-xoghol sar u li ma thallasx ta’ dan.

Fic-cirkostanzi, jidher illi t-talba tal-attur hija fuq bilanc ta’ probabilitajiet sufficjentament ippruvati.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’t-talba tal-attur fl-ammont ta’ erbgha mija u disghin ewro (€490) u jichad l-eccezjoni tas-socjeta’ konvenuta u dan bl-ispejjez kollha nkluzi fl-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------